

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16981/24

AGRI 890
AGRIFIN 148
FIN 1131

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15963/1/24 REV 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 19/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Il-biedja organika fl-UE: lakuni u inkonsistenzi jxekklu s-suċċess tal-politika" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Ir-rapport speċjali nru 19/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: *"Il-biedja organika fl-UE: lakuni u inkonsistenzi jxekklu s-suċċess tal-politika"*

approvati mill-Kunsill fl-4071 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha nru 19/2024 intitolat:

"Il-biedja organika fl-UE: Lakuni u inkonsistenzi jxekklu s-suċċess tal-politika"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 19/2024 tal-Qorti intitolat "Il-biedja organika fl-UE: Lakuni u inkonsistenzi jxekklu s-suċċess tal-politika", li jivvaluta t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-appoġġ għall-biedja organika fil-livell tal-UE fil-perjodu 2014-2022 u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dan ir-rapport;
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjoni tal-Qorti li l-fondi tal-PAK intużaw biex tiżdied l-erja kkultivata b'mod organiku fil-livell tal-UE u li kienu jeżistu lakuni kemm fil-politiki tal-UE kif ukoll f'dawk nazzjonali għall-biedja organika, u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-qafas strateġiku tal-UE għas-settur organiku u ttejjeb ir-rabta mal-appoġġ tal-PAK.
3. JILQA' TAJJEB il-fehma tal-Qorti li l-Pjan ta' azzjoni attwali għall-biedja organika (2021-2027)¹ jirrappreżenta titjib meta mqabbel ma' dak preċedenti u JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi mod kif jitkejjel il-progress fil-qasam tal-biedja organika, biex l-oġettivi ambjentali u tas-suq jiġu integrati aħjar fl-appoġġ tal-PAK u biex issir disponibbli d-data rilevanti għall-valutazzjoni tal-iżvilupp tas-settur organiku.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika, COM/2021/141 final.

4. JENFASIZZA l-impenn qawwi tal-Istati Membri biex ikomplu l-iżvilupp tal-biedja organika kkonfermat ukoll fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK, u JILQA' TAJJEB l-istabbiliment tal-pjanijiet nazzjonali ambizzjużi tal-Istati Membri għall-iżvilupp tal-biedja organika biex jakkumpanjaw il-qafas tal-PAK fil-qasam;
5. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal prudenza fil-valutazzjoni tal-progress li sar fil-biedja organika fil-livell tal-UE f'kuntest ta' inċertezza politika u ekonomika u JIKKUNSIDRA li l-Istati Membri jeħtieġu flessibbiltà biex jiddeċiedu dwar l-aktar soluzzjonijiet xierqa mmirati għall-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
6. JINDIKA l-ħtieġa ta' qafas legali ċar, simplifikat u prevedibbli fil-qasam tal-biedja organika;
7. JENFASIZZA li l-iżvilupp ulterjuri tas-settur jeħtieġ approċċ olistiku u li t-tiżiħ fid-domanda jimplika l-użu ta' firxa wiesgħa ta' għodod bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, akkwist pubbliku u attivitajiet ta' promozzjoni, programmi ta' skemi għall-iskejjel u kampanji edukattivi u JIĠBED L-ATTENZJONI għall-ħtieġa ta' servizzi ta' konsulenza u kampanji edukattivi xierqa għall-bdiewa. Għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ għal dawn l-attivitajiet;
8. JILQA' TAJJEB il-fatt li l-Kummissjoni ser tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jorbtu aħjar l-użu tal-appoġġ tal-PAK mal-ħtiġijiet identifikati fis-settur organiku sabiex jissaħħaħ il-qafas strateġiku tal-UE għas-settur organiku, kif rakkomandat mill-Qorti;
9. JAQBEL mal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi gwida lill-Istati Membri sabiex ir-regoli definiti fir-Regolament dwar il-Biedja Organika jiġu applikati b'mod konsistenti u mar-rieda tagħha li tivvaluta l-kontribut tal-fondi tal-PAK għas-sostenibbiltà ekonomika tal-biedja organika, sabiex l-oġettivi ambjentali u tas-suq tal-biedja organika jiġu integrati aħjar fil-PAK.

10. JILQA' TAJJEB ir-rieda tal-Kummissjoni li taħdem mal-Istati Membri biex tevalwa l-impatt tal-appoġġ tal-PAK għall-biedja organika fuq l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PAK u biex ittejjeb il-kwalità tal-ġbir tad-data għad-dimensjonijiet ambjentali u soċjali bil-ħsieb li tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-data rilevanti għall-valutazzjoni tal-iżvilupp tal-biedja organika filwaqt li JENFASIZZA li l-piż li jirriżulta mill-ġbir tad-data taħt il-PAK attwali diġà huwa ta' sfida u għandu jkun soġġett għal simplifikazzjoni.
-